**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI CIVILI**

**A.MICALLEF TRIGONA LL.D, MAG.JUR (EU LAW)**
**MAGISTRAT**

**SEDUTA TAL-20 TA' MARZU 2002**

**Citazz nru 199/95**

**Catherine u Charles konjugi Psaila**

**vs**

**Joseph Azzopardi**

Il-Qorti,

Ic-citazzjoni attrici taqra:

" fit-8 ta' Settembru 1995 waqt li l-istanti Charles Psaila kien isuq il-car 'Mercedes' nru.E-1832 f'Sannat din sfat involuta f'habta mal-car 'Nissan' nru-2336 u garbet hsarat;

ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti biss il-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti izda dan bla pregudizzju accetta biss nofs il-htija;

l-istanti b'rizultat tal-incident sofrew danni ammontanti ghal-disa' mija, erba' u ghoxrin liri, tnejn u sebghin centezmu;

TALAB ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat tal-istess sofrew l-istanti;

2. tillikwida d-danni fl-ammont imsemmi ta’ Lm924.72 jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istanti l-ammont likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta’ danni.

Bl-ispejjes komprizi Lm23 ta’ konsulti u ittri, dawk tal-ittra ufficjali tal-lum lill-assikuraturi tal-konvenut (Galdes & Mamo Ltd ) ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax minn notifika ta’ dina c-citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni annessa mad-dikjarazzjoni tal-atturi u l-lista tax-xhieda u dokumenti annessi;

Rat l-eccezjonijiet sollevati mill-konvenut u cioe’:

1. in linea preliminari, in-nullita tac-citazzjoni in kwantu d-dikjarazzjoni tal-fatti hija suppositament konfermata bil-gurament minn Joseph Azzopardi minflokk minn xi hadd mill-atturi;
2. minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament u esklusivament l-attur Charles Psaila minhabba is-sewqan traskurat u negligenti tieghu u minhabba li huwa ma kienx qieghed isuq fuq in-naha proprja tat-triq u dan kif sejjer dettaljatament pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

3. minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni reklamati mill-atturi huma esagerati ghaliex fl-ammont tad-danni hemm inkluzi partiti illi ma gewx kagunati bl-incident kif ukoll jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat il-kontrotalba tal-konvenut ipprezentata mal-eccezzjonijiet tieghu fejn espona illi:

fit-8 ta’ Settembru 1995 waqt illi l-konvenut kien qieghed jsuq il-vettura U-2336 din kienet involuta f’habta mal-vettura Mercedes E-1882 misjuqa mill-attur Charles Psaila u garbet hsarat konsiderevoli;

ghall-incident u danni konsegwenzjali kien jahti biss l-attur Charles Psaila minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti;

l-istess attur irrifjta kemm illi jirreferi il-kaz ghall-arbitaragg kif ukoll illi jasal fi ftheim bonarju dwar ir-responsabbilita’ ghall-incident;

TALAB ghaliex il-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara (l-attur) responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni konsegwenzjalment sofferti mill-konvenut;

2. tillikwida d-danni hekk sofferti;

3. tikkundanna (lill-attur) ihallas lill-konvenut l-ammont likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta' danni; bl-ispejjes inkluzi tal-ittri ufficjali u interpellatorji.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti annessa u l-elenku tax-xhieda;

Rat l-eccezzjonijiet ghal din il-kontro-talba tal-attur Charles Psaila fejn eccepixxa:

1. illi t-talbiet ta' Joseph Azzopardi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident mertu ta' din il-kawza kien jahti unikament l-istess Joseph Azzopardi minhabba imprudenza, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tas-sewqan;

Rat id-dikjarazzjoni hemm annessa u r-referenza ghax-xhieda fid-dikjarazzjoni mac-citazzjoni.

Ikkonsidrat:

Il-kollizjoni mertu din il-kawza hi dik li grat f'Triq Seguna, kantuniera ma' Triq Xabbata. Involuti kienu l-vettura ta' tip 'Mercedes' numru ta' registrazzjoni E-1832 misjuqa mill-attur Charles Psaila u dik tat-tip 'Nissan' numru ta' registrazzjoni U-2336 misjuqa mill-konvenut Joseph Azzopardi. Skizz tal-incident gie esebit ghal darba darbtejn u ghalkemm meta redatt l-vetturi kienu icaqalqu ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar id-dinamika tal-incident. Difatti jirrisulta mill-provi li l-kollizjoni grat appena fil-kantuniera bejn Triq Seguna u Triq ix-Xabbata pero gewwa Triq is-Seguna. Jirrisulta nkontestat mill-provi li l-attur kien qieghed jittransita Triq is-Seguna fin-niezla waqt li l-konvenut kien isuq f'Triq ix-Xabbata u dar ghax-xellug gewwa Triq is-Seguna ossija fid-direzzjoni ta' Seguna Housing Estate igifieri fid-direzzjoni opposta minn fejn kien gej l-attur gewwa Triq Seguna.

Issa jkun utili f'dan l-istadju li jigi riprodott x'qalu l-partijiet ftit hin wara li kienet sehhet il-kolizzjoni lis-surgent li nvestigha, li fil-fehma tal-qorti, hu determinanti

ghal-kwistjoni tar-responsabbilita. L-attur Charles Psaila stqarr li kien niezel matul Triq Seguna minn naha tal-Housing Estate fid-direzzjoni tal-pjazza fuq il-'free gear'. Kien wasal fil-kantuniera bejn Triq Seguna u Triq Xabbata u sab il-vettura l-ohra quddiemu u zied li fejn saret il-habta kien hemm vetturi pparkeggjati fuq iz-zewg nahat ta' Triq Seguna. Il-konvenut Joseph Azzopardi minn naha tieghu spiega li kien gej minn Triq Dun Xand Aquilina dirett ghal Seguna 'Housing Estate' u meta wasal fil-parti tal-pjazza kantuniera bejn Triq Xabbata u Triq Seguna sellem lil siehbu Charles Grima li kien ma' gemb tat-triq billi daqqlu l-horn u fil-pront sab il-vettura l-ohra ma' wiccu.

Mill-kuntest ta' dan ir-rakkont u provi ohra jirrisultaw il-fatti segwenti:

(a) li l-attur kien qieghed ghan-nizla fuq il-'free gear';
(b) li l-konvenut, addirittura kif kien qed jopera l-kantuniera, sellem lill-siehbu li kien ma' gemb it-triq billi daqqlu l-horn;
(c) li l-veolocita taz-zewg sewwieqa ma rrisultax li kienet mhux normali;
(d) li kien hemm vetturi pparkeggjati fuq iz-zewg nahhiet tat-triq;
(e) li l-attur kien wiehed punt tletin metru lill'hemm mill-linja medjana tat-triq fuq il-kareggjata opposta;
(f) li kunsidrat l-wiesgha tat-triq u l-vetturi pparkeggjati dan il-fatt huwa inifluwenti;

Ikkonsidrat:

Illi kif jirrisulta mill-atti f'din il-kawza gie nominat l-Avukat Alfred Grech bhala perit legali u r-relazzjoni tieghu tinsab folio 51 et seq. L-abbli avukat akkollha r-responsabilita fl-intier taghha fuq il-konvenut wara li kien ikkonstata illi: "irrizulta mill-access li sar, u del resto jidher wkoll mill-iskizz esebit, li l-habta saret f'Seguna Street mnejn kien gej il-konvenut (recte l-attur). L-attur (recte il-konvenut) kien qed fil-mument diehel ghal gewwa Seguna Street minn Triq Xabbata. Kien obbligu tieghu li jesplora t-triq li kien diehel fiha u jara li ma kien gej hadd. Minflokk kien mohhu f'siehbu Charles Grima "ic-coqq" u daqqlu l-horn biex jigbed l-attenzjoni tieghu". Fuq daqshekk il-qorti ftit ghandha x'tikkumenta stante li kien obbligu primarju tal-konvenut li jesercita l-attenzjoni mehtiega u jaccerta ruhhu li seta' johrog bla hsara ghall-vetturi ohrajn. Certament u fic-cirkostanza ma jistax jinghad li l-konvenut kien qieghed jagixxi ta' sewwieq prudenti u lanqas, fil-fehma ta' din il-qorti, ma jista jibbenefika mil hekk imsejha "doctrine of last opportunity" stante li l-habta kienet tigri u effettivament grat inikament minhabba imprudenza tal-konvenut u mhux ghaliex l-attur kien qieghed fuq il-"free gear", ghalkemm fatt di per se wkoll kundannabbli. Fic-cirkostanzi pero dan l-ahhar fatt, abbinat mal-velocita ferm moderata tal-attur, kien influwenti

fil-kuntest tal-habta fis-sens li ma kinitx fattur influwenti li kuntrarjament kienet taghti lill-attur aktar opportunita li jirreagixxi prontament u jirripara t-tort tal-konvenut.

Ghalhekk din il-qorti qeghdha issib l-konvenut interament responsabbli ghall-kollizjoni u konsegwenzjali danni sofferti mill-attur.

Relattivament id-danni ghandu jirrisulta li l-istess kienu limitati ghal parti tal-lemin ta' quddiem tal-vettura tal-attur. Id-dokument folio 24 presumibbilment jigbor d-danni fl-intier taghhom. Dan hu fl-ammont ta' Lm921.27 li skond verbal maghmul quddiem il-Perit Legali jidhru li ma humiex kontestati (vide folio 73).

Relattivament l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghandu jirrisulta li dan hu carament 'lapsus calami'.

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi: tilqa l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident u d-danni risultanti;  tilqa it-tieni talba tal-attur u in linea ta' danni sofferti lill-vettura tal-attur tillikwida l-ammont ta' Lm921.27; tilqa t-tielet talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihalsu l-ammont ta' Lm921.27 bl-imghax li ghandhom jiddekorru mill-lum u bl-ispejjes tal-kawza. Konsegwentement qeghdha tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kontro talba tieghu.

(ft) A.M.Trigona
Magistrat

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera Kopja